# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 507

**KAZ NRU. 668**

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Nidal Binni

u

Group 4 Securitas (Malta) Ltd.
kif rapprezentata minn
Ronald M. Demajo u Philip
V. Gatt

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data: 22 ta' Lulju, 1993

**Chairman: Is-Sur Anthony Farrugia L.P.**

## I. INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie riferit lil dan it-Tribunal mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra li ggib id-data ta' l-erbghatax (14) ta' April, 1992, markata ME/62/92/9 biex jigi deciz skond is-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 28 tal-Kapitolu 266 tal-Ligijiet.

## II. DIKJARAZZJONIJIET TAL-KAZ

Nidal Binni, il-quddiem jissejjah l-appellant, inter-alia, issottometta illi:-

a) hu kien impjegat bhala "Security Guard ma' Group 4 Securitas (Malta) Ltd., il-quddiem tis-sejjah il-Kumpanija, fl-1 ta' Lulju, 1991 u mkecci fit-23 ta' Jannar 1992 ghaliex skond l-istess Kumpanija, abbuza mis-"sick leave" entitlement tieghu;

.../2

b) fis-17 ta' Jannar 1992, ghalkemm ma' kienx "duty" informa lill-Kumpanija li ma' kienx jiflah u li ghalhekk l-ghada ma' kienx sejjer ikun jista' jattendi ghax-xoghol u wara hu mar ghand it-tabib privat tieghu li ccertifikah li kien qed isofri minn "respiratory tract infection" u li kien ikun tajjeb ghax-xoghol fil-21 ta' l-istess xahar;

c) f'xi hin dak in-nhar stess xi Security Guards tal-Kumpanija marru biex jikkontrollaw jekk fil-fatt l-appellant kienx marid izda ma' sabuhx ghar-raguni li ma' marrux fil-post fejn setghu isibuh;

d) fit-18 ta' Jannar 1992 l-appellant gie invistat mit-tabib tal-Kumpanija li ccertifikah li kien qed isofri minn "chest infection" u ddikjarah li jkun tajjeb ghax-xoghol mit-23 ta' l-istess xahar;

e) b'ittra tat-23 ta' l-istess xahar hu gie nfurmat mill-Kumpanija li hu jkun imkecci minn dak in-nhar stess kemm il-darba ma' jippruvax sodisfacentement u jiskolpa ruhu mill-akkuza li hu abbuza s-"sick leave";

f) ghalkemm hu pprova jispjega l-kaz tieghu kemm mad-Deputy Chief Executive kif ukoll mac-Chief Executive tal-Kumpanija qatt ma' rnexxielu u t-tkeccija tieghu mill-impjieg sehhet mit-23 ta' l-istess xahar u talab li:-

i. dan it-Tribunal jiddikjara li t-temm ta' l-impjieg tieghu mall-Kumpanija ma' kienx gharraguni gusta u sufficjenti u ghalhekk bi ksur tal-ligi u

ii. ghandu jerga' jiddahhal ghax-xoghol mal-Kumpanija minghajr telf ta' paga u bl-istess kundizzjonijiet jew li jinghata kumpens xieraq.

Minn naha taghha, il-Kumpanija, inter alia, issottomettiet illi:-

a) l-appellant kien impjegat bhala "Security Guard";

b) fit-3 ta' Awissu 1991 kien instab rieqed fuq ix-xoghol u gie mwissi;

c) fit-18 ta' Ottubru 1991 rega' nstab rieqed fuq ix-xoghol u nghata twissija finali;

d) fiz-17 ta' Jannar 1992 telaq minn fuq ix-xoghol minhabba allegat mard u meta ufficjali tal-Kumpanija ppruvaw jaraw fejn kien, ma' nstabx la d-dar u l-anqas ghand il-familjari tieghu;

e) fl-istess hin ta' dan l-ahhar incident l-appellant kien qabad u mar minn jeddu fuq post tax-xoghol fejn kien assenjat u fejn kien diga' ntbghat haddiem iehor wara li l-appellant kien qal li hu marid u

f) l-appellant imbghad tkecca.

.../4

## III. KONSIDERAZZJONIJIET

Dan il-kaz ghandu jigi deciz fuq il-provi li ngabu jekk il-Kumpanija kienitx gustifikata jew le li ttemm l-impjieg li kellu l-appellant.

Fl-apprezzament tal-provi dan it-Tribunal zamm quddiem ghajnejh zewg principji fundamentali, cioe':-

a) l-oneru tal-prova jaqa' fuq min jallega; hija l-Kumpanija li temmet l-impjieg li kellu l-appellant u biex ghamlet dan allegat certi nuqqasijiet. Ghalhekk il-piz tal-prova jaqa' kollu u biss fuq l-istess Kumpanija, u

b) li t-tkeccija mill-impjieg hija decizjoni drastika u harxa li ghandha tittiehed biss wara konsiderazzjoni serja u bir-reqqa tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Il-Kumpanija, fic-"Certifikat ta' temm ta' l-impjieg" mahrug ghall-finijiet tal-Kapitolu 135 tal-Ligijiet u li fotokopja giet esibita mad-Dikjarazzjoni tal-Kaz ta' l-appellant u mmarkata Dok. A, iddikjarat "Abuse of sick leave" bhala raguni ghaliex (l-appellant) spicca mix-xoghol u ghalhekk hi din l-istess raguni li trid tigi nvestigata, definita u kkunsidrata fid-dawl tas-subartikolu (14) ta' l-artikolu 34 ta' dan l-istess Kapitolu u tad-definizzjoni tal-kliem "tkeccija ngusta" fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 256 tal-Ligijiet fis-sens li l-Kumpanija ghandha l-obligu li tipprova li hi temmet l-impjieg li kellu l-appellant mhux biss minhabba "raguni tajba" izda wkoll li din ir-raguni tkun ukoll "bizzejjed".

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, il-Kumpanija b'ebda mod ma' ppruvat li hi temmet l-impjieg li kellu l-appellant "ghall-raguni tajba" wisq anqas "ghall-raguni tajba u bizzejjed" kif trid il-ligi biex tigi ezonerata mill-konsegwenzi rizultanti mill-ag' taghha; ghalhekk dan it-temm ta' impjieg jikkostitwixxi "tkeccija ngusta".

It-Tribunal qatt mhu sejjer jaccetta t-"twissija" u t-"twissija finali" li nghataw lill-appellant fit-3 ta' Awissu u fit-18 ta' Ottubru, 1991 rispettivament, ghax "instab rieqed fuq il-post tax-xoghol" ukoll jekk dawn in-nuqqasijiet, fil-kuntest tax-xoghol li taghmel il-Kumpanija, cioe' r-responsabilta' ghas-sigurta' tal-"premises" li jkunu assenjati lilha mill-klijenti biex tharishom, kienu ta' certa gravita', biex l-istess Kumpanija tiggustifika t-tkeccija ta' l-appellant fuq allegazzjoni li, kif ga nghad, ma' giet pruvata b' ebda mod.

IV. **KUMPENS**

It-Tribunal ma' jhossx li hu prattikabbli u fl-istess hin hu fl-interess taz-zewg (2) partijiet li jilqa' t-talba ta' l-appellant li "jerga' jiddahhal ghax-xoghol mal-Kumpanija" cioe' li jinghata lura l-impjieg li kellu ma' l-istess Kumpanija qabel ma' tkecca u ghalhekk l-istess appellant jisthoqqlu kumpens li dan it-Tribunal qieghed jiffissa fis-somma ta' erba' mija u hamsa u hamsin liri Maltin (Lm455).

V. **DECIZJONI**

Ghar-ragunijiet premessi dan it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi, wara li jiddikjara li l-Kumpanija, cioe' Group 4 Securitas (Malta) Ltd., kif rapprezentata minn

Ronald M. Demajo u Philip V. Gatt, temmet l-impjieg li kellu l-appellant cioe' Nidal Binni, m'hux ghal raguni "tajba u bizzejjed", jordna lill-istess Kumpanija thallas lill-istess appellant is-somma ta' erba' mija u hamsa u hamsin liri maltin (Lm455) bhala kumpens, liema somma ghandha tithallas f'zewg (2) pagamenti, wiehed ta' mitejn u hamsa u hamsin liri maltin (Lm255) m'hux aktar tard mis-sitta (6) ta' Awissu u l-bilanc ta' mitejn liri maltin (Lm200) m' hux aktar tard mit-tlieta (3) ta' Settembru, 1993.

Ghall-finijiet tar-Regolamenti ta' l-1986 dwar Drittijiet li jithallsu (A.L. 43 ta' l-1986) maghmula taht il-Kapitolu 266 tal-Ligijiet, it-Tribunal qieghed jintaxxa, lil kull wiehed miz-zewg (2) difensuri, id-drittijiet fis-somma ta' erbghin liri maltin (Lm40).

B'hekk dan it-Tribunal itemm dan il-kaz.

Anthony Farrugia
CHAIRMAN

Aldo Testone
SEGRETARJU

mrg